MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Rikors Numru. 36/2003/1

**Raymond Caruana**
**Vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat ir-rikors;
Rat ir-risposta a fol. 8;
Rat il-verbal a fol. 21;
Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezebiti;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**Talba**

B'verbal a fol. 21, l-avukat difensur tar-rikorrent talab li dina l-Qorti taghti ordni fis-sens li r-rikorrent ma jkunx rikjest li jhallas il-multa imposta fuqu mill-Qorti Kriminali sakemm ma jkunx hemm ezitu finali ta' dawn il-proceduri.

L-intimat wiegeb li hu jopponi dina t-talba billi jekk dina tintlaqa' ikun ifisser li s-sentenza finali ta' Qorti kompetenti f'materja penali ma tigiex esegwita minkejja li ma gietx dikjarata invalida.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi skond l-artikolu 665 tal-Kap 9 "*Subject to the provisions of article 28 A and the provisions of this Code relating to the payment of pecuniary penalties, every decision shall be enforceable as soon as delivered*".

Skond l-artikolu 14 tal-Kap 9 il-Qorti tista' taghti zmien li fih il-multa jew ammenda ghandha tithallas.

Fil-kaz in ezami ebda zmien ma nghata u ghalhekk il-multa giet dovuta meta nghatat is-sentenza.

Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri r-rikorrent talab li dina l-Qorti taghti ordni fis-sens li r-rikorrent ma jkunx rikjest li jhallas il-multa imposta fuqu mill-Qorti Kriminali sakemm ma jkunx hemm ezitu finali ta' dawn il-proceduri. Ir-rikorrent qed jargumenta li jekk hu jigi mgieghel ihallas il-multa fil-mori ta' dawn il-proceduri hu effettivament ser jibqa' bla rimedju u l-istess procedura tigi stultifikata. Hu ghalhekk qed jitlob "*interim relief*" u ghamel referenza ghal procedura Ingliza taht l-Att tal-1998. Ir-rikorrent ezebixxa wkoll kopja ta' sentenza Dok AB 1 fl-ismijiet Joseph Gauci et vs Avukat Generali et fejn il-Qorti kienet ordnat is-sospensjoni tad-dekors tat-terminu ta' sena komminat ghal hlas ta' multa.

Minn naha l-ohra l-intimat issottometta li t-talba tar-rikorrent li sentenza definittiva u li ghaddiet in gudikat tigi sospiza m'ghandiex tigi milqugha billi dina c-cirkostanza ma hiex konsidrata fil-ligi.

**Tikkunsidra**

Illi skond il-prassi taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-bniedem *interim relief* jinghata meta "*there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm*" u generalment jinghata f'kazijiet fejn hemm "*an alledged risk to life or ill treatment*" fosthom kazijiet ta' *deporation* u *expulsion* ghal stati fejn ir-riskju ghall-hajja huma kbir hafna. *Matters of detention, interference with property rights* m'humiex fost il-kazijiet fejn jinghata *interim relief* (Poku vs UK 1996).

Fil-kaz in ezami ma hemmx dak estrem ta' *irreparable harm* li r-rikorrent jista jsofri jekk is-sentenza ma tigiex sospiza. Fil-fatt l-aktar li jista' jigi mitlub ir-rikorrent hu li jhallas il-multa li wehel, Jekk eventwalment is-sentenza tigi mhassra, dina l-multa tista terga' tigi rifuza.

Kwantu ghas-sentenza li saret riferenza ghaliha mir-rikorrent dika kienet tittratta dwar ordni ta' sospensjoni ta' dekors tat-terminu ta' sena komminat ghal hlas ta' multa u mhux sospensjoni ta' sentenza li ghaddiet in gudikat.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tichad it-talba,
spejjez ghar-rikorrent.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------